**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta' Lulju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Chris Farrugia**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Chris Farrugia** detentur ta' karta tal-identita' numru **163281M** gie akkuzat talli nhar id- 9 ta' Lulju 2018 gewwa Triq Liedna, Fgura u Triq San Tumas il-Fgura u/jew f'dawn il-Gżejjer;

1. Operajt, ippromwovejt, biegħejt, jew ipparteċipajt fi, jew b'xi mod li jkun, għent jew ħajjart l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħba mhux awtorizzata u dan bi ksur tal-Art. 6 tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamilt lotterija pubblika mingħajr ma qabel ingħatajt permess mid-Direttur tal-Lottu u dan bi ksur tal-Art. 11 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. u aktar talli nhar it-23 ta' Mejju 2018 minn gewwa r-residenza 'Casa del Sole', Triq Wied il-Ghajn, Zejtun u/jew f'dawn il-gzejjer Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema

serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok ghad-detriment ta' Angelo Spiteri ID; 424047(m) miz-Zejtun bi skur tal-artikolu 261(c)(e), 2678, 269(g),279(a), 280(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom bi ksur tal-artikolu 334(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi operajt, ippromwovejt, biegħejt, jew ipparteċipajt fi, jew b'xi mod li jkun, għent jew ħajjart l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħba mhux awtorizzata u dan bi ksur tal-Art. 6 tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamilt lotterija pubblika mingħajr ma qabel ingħatajt permess mid-Direttur tal-Lottu u dan bi ksur tal-Art. 11 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. U aktar talli ghamel reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar 10 ta' Jannar 2018 mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Mgt.Dr.I.Farrugia LLD li giet defentitiva u ma tistax tinbidel

8. U b'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (ara folio 10), kif ukoll il-kunsens specjali tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 74(2) u t-tlelet proviso tal-Artikolu 67(1) tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat **Chris Farrugia** fl-udjenza tal-lum stess anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u tad-difensur in tema ta' piena u jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset l-atti ta' din il-kawza partikolarment l-isqarrija tieghu, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni skond il-ligi.

Il-Qorti qieset, fil-kuntest ta' dan kollu, id-dikjarazzjoni legittima tal-prosekuzzjoni maghmula fl-udjenza tal-lum stess u cioe illi l-imputazzjoni numru erbgha (4) (dik ta' ricettazzjoni) inghatat bhala wahda alternattiva ghall-imputazzjoni numru tlieta (3).

Il-fatti rizultanti mill-istqarrija tal-imputat, apparti r-rabta mal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti, ma jhallu ebda dubju illi l-imputat effettivament seraq kartiera kontenenti flus kontanti u dana skond l-imputazzjoni numru tlieta (3) kif dedotta kontra tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena u hija l-Qorti li, fl-ahhar mill-ahhar, ghandha tapplika u tinfliggi piena jew sanzjoni li jidrilha li tkun l-aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz li jkun. F'dan il-kaz il-Qorti qed tqis l-ammissjoni tal-imputat bhala wahda bikrija u ghalhekk dan il-fatt ser ikun rifless fil-piena.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati mressqa kontra l-hati huma serja. Huwa preokkupanti ukoll kif dak li ghamel l-imputat, skond kif migjub kontra tieghu fl-att tal-imputazzjonijiet, huwa ghamlu fil-perjodu operattiv taz-zewg sentenzi sospizi moghtija fil-konfront tieghu nhar l-10 ta' Jannar 2018.

Din il-Qorti, fil-kuntest ta' dan kollu, qieset is-sottomissjoni principali tad-difiza u cioe illi l-komportament tal-imputat f'dan kollu jindika persuna li m'ghandiex direzzjoni fil-hajja taghha u certament huwa persuna li ghandu bzonn l-ghajnuna. Din il-Qorti ma tara xejn hazin f'din is-sottimissjoni izda temmen illi minn issa l-quddiem ghandu jkun l-imputat li jaghraf il-bzonn

tal-ghajnuna u effettivament ifittex dik l-ghajnuna idonea ghalih u li hija accessibli fis-socjeta taghna. Irid ikun hu li jghin ruhu u jiddeciedi li jibdel hajtu; jekk l-imputat jitlob l-ghajnuna, din ghandha tinghatalu.

Il-Qorti tghamilha cara li ghandha l-obbligu wkoll li tipprotegi lis-socjeta.

**Decide**.

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 28A, 28B, 261(c)(e), 267, 268, 269(g), 279(a), 280(1) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 6 u 67(1) tal-Kap 438 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 11 u 13 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjuzzjoni ulterjuri tar-raba imputazzjoni (stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghat-tielet imputazzjoni), ssib u tiddikjara lil Chris Farrugia, bhala recidiv, hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-**18-il xahar prigunerija u multa ta' elf ewro (€1,000).**

Tordna wkoll li s-sentenza ta' **xahar prigunerija** kif ukoll is-sentenza ta' **xahrejn prigunerija**, moghtija b'zewg sentenzi separati u distinti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Ian Farrugia) pero moghtija fl-istess gurnata tal-10 ta' Jannar 2018, it-tnejn moghtija fil-konfront tal-imputat odjern Chris Farrugia, jidhlu minnufih fis-sehh.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur